

P7_TA(2009)0054

Proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 "OCM uniku" *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (COM(2009)0539 – C7-0223/2009 – 2009/0152(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0539),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C7-0223/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 142 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1234/2007

Artikolu 186 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Fl-Artikolu 186, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) rigward il-prodotti tas-setturi taz-zokkor, ħops, ċanga u vitella, **ħalib u prodotti tal-ħalib**, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, fejn il-prezzijiet fis-suq Komunitarju għal kwalunkwe minn dawk

Emenda

(3) Fl-Artikolu 186, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) rigward il-prodotti tas-setturi taz-zokkor, ħops, ċanga u vitella, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, fejn il-prezzijiet fis-suq Komunitarju għal kwalunkwe minn dawk il-prodotti *jogħlew*

il-prodotti *jogħla* jew *jaqa'* b'mod sinifikanti;"

jew *jaqgħu* b'mod sinifikanti;"

(aa) rigward il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, fejn il-prezzijiet fis-suq Komunitarju għal kwalunkwe minn dawk il-prodotti jogħlew jew jaqgħu b'mod sinifikanti, matul il-perjodi ta' 12-il xahar li jibdew fl-1 ta' April 2009 u fl-1 ta' April 2010;"

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1, punt 3a) (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1234/2007

Artikoli 188 – punt 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a) Fl-Artikolu 188, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“2a) Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm informat b'mod regolari mill-kummissjoni ta' ħidma tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 195. Għaldaqstant, għandu jirċievi l-aġendi tal-laqgħat, l-abbozzi ta' miżuri mressqa lill-Kumitat, kif ukoll ir-riżultat tal-votazzjonijiet, is-sommarji tar-rekords tal-laqgħat u l-listi tal-awtoritajiet u l-entitajiet li għalihom jappartjenu l-persuni maħtura mill-Istati Membri biex jirrapreżentawhom. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm informat ukoll dwar kull miżura jew proposta dwar miżuri li għandhom jittieħdu li jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Kunsill.”